*Qabel l-Inkurunazzjoni:*

# Tliet mumenti kemmxejn magħrufa

*miġbur minn* ***Manwel D. SCHEMBRI***
*Dip. Stud. Rel., B.A.(Gen.), B.A.Stud. Rel., Dip. Educ. (Admin. & Mangt.)*

Qisu l-bieraħ u fl-istess ħin qisu ilu qatigħ! Iż-żmien itir imma donnu ma tindunax qabel ma tieqaf biex tħares lura.

Ser inwasslilkom mumenti partikolari minn dak li sar qabel l-Inkurunazzjoni nnifisha. Dak iż-żmien, jiena kont immexxi l-Kor Santa Ċeċilja, tal-Mosta, li ta sehem kbir u importanti fiċ-ċelebrazzjonijiet kollha li saru.

Kien ilu jingħad li x-xewqa ta' tant Mostin kienet waslet biex tinqata'. U jum fost l-oħrajn kont l-Oratorju bħas-soltu, u ġie Dun Anġ Camilleri, li konna nafuh bħala Dun Anġ iż-Żgħir, kollu entużjażmu u qalilna li kien ser jinqara d-digriet li bih il-Q.T. il-Papa Pawlu VI kien ser jinkariga lill-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, biex f'isem il-Papa stess jinkuruna 'l-Assunta (impittra fl-1678 minn Baskal Buhagiar) meqjuma fil-kwadru titolari tal-Parroċċa tal-Mosta. Id-digriet kien miktub b'Latin meqjus u kien ittraduċih f'Malti mill-isbaħ, Dun Karm Schembri. Kellna kopja f'idejna, u Tony Camilleri, Dun Anġ u jien, qrajnih u mmarkajna żewġ postijiet. Kien il-post fejn il-Kor Santa Ċeċilja, li dak iż-żmien kont il-president, kellu jinfexx f'ċapċipa kbira li kellha tentużjażma lin-nies preżenti fil-Knisja. U hekk ġara dakinhar li nqara. Il-Kor kanta fil-Quddiesa Sollenni li saret biex fiha jinqara d-digriet, u fil-post miftiehem, il-Kor beda ċ-ċapċip. Il-Mostin dak li kienu qed jistennew. U r-Rotunda triegħdet biċ-ċapċip, li dik il-ħabta ma kien komuni xejn fil-Knisja. Kien hemm ħafna għajnejn jgħumu fid-dmugħ, u kulħadd kien ħarstu mitfugħa fuq il-kwardu ta' l-Assunta.


IR-ROTUNDA TAL-MOSTA
SE SSIR
SANTWARJU NAZZJONALI
TA' L-ASSUNTA

IL-KOR SANTA ĊEĊILJA TAL-MOSTA
jifraħ
bl-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta
meqjuma fir-Rotunda tal-Mosta
u jixtieq
li l-Maltin KOLLHA jissieħbu miegħu f'din il-ġrajja storika
li ser isseħħ
f'Awwissu 1975 — għeluq il-25 sena
mid-Domma ta' l-Assunzjoni ddikjarata mill-Papa Piju XII
nhar l-1 ta' Novembru, 1950.
Jixraq għalhekk, li s-suċċessur tiegħu
IL-PAPA PAWLU VI
jiġi mistieden
ipoġġi Hu stess il-Kuruna tad-deheb
fuq ras il-Madonna.

*Wara suġġeriment ta' l-awtur, din il-flyer tqassmet fi Frar 1974, fuq iz-zuntier u fil-Knisja Rotunda tal-Mosta ftit jiem wara li nqara d-digriet ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta, mogħti mill-Vatikan bil-firma tal-Qdusija Tiegħu, il-Papa Pawlu VI.*

Niftakar meta Dun Anġ Camilleri ġab il-kliem ta' l-Innu ta' l-Inkurunazzjoni li kien kiteb il-Kav. Dun Ġwann Cilia Debono. L-aħħar vers kien jgħid "..... tal-Maltin u ta' l-Għawdxin". Dan il-vers ma' tantx niżlilna tajjeb. L-Għawdxin ukoll kienu ser jinkurunaw l-Assunta tagħhom tal-Kattidral u żgur li kienu ser jiktbu xi Innu b'tifkira. "M'hemmx għalfejn insemmuhom aħna wkoll fl-Innu tagħna!" qalli Dun Anġ. "Mur ittajpjah ħalli jkollna fuqiex nagħmlu l-kunċerti tal-Kor illejla", qalli, "imma eħlisni mill-Għawdxin! Ara kif se tirranġa int! F'idejk!" U jien, hekk għamilt! U l-Innu ta' l-Inkurunazzjoni sa llum għadu jispiċċa bil-kliem "..... tagħna lkoll, tagħna l-Maltin!"

Kien qed jiġi mfassal il-programm ta' tħejjija għal jum il-kbir ta' l-Inkurunazzjoni. Konna jiena, Dorothy l-għarusa tiegħi (illum marti) u Dun Anġ. U niftakar, lil Dun Anġ għidtlu li kien għaddieli ħsieb li, li kieku kellu jitwettaq, kull Malti kien itir bil-ferħ. Għidtlu li d-digriet ta' l-Inkurunazzjoni ġie mingħand il-Papa, u jkun verament xieraq li jkun il-Papa nnifsu li jiġi Malta biex ikun Hu stess li jpoġġi l-kuruna fuq ras il-Madonna. L-idea lil Dun Anġ minbarra għajnejh, xegħlitlu wkoll l-immaġinazzjoni. Kien jaf li hemm bżonn idea bħal din qabel titressaq għal konsiderazzjoni mill-'kbarat', kellha tiġi sensibilizzata fost il-poplu. U qbilna li nibdew inxerrdu l-idea. Fassalna 'flyer', karta waħda li titqassam biex tinqara u twassal il-messaġġ b'mod konċiż u ċar. Kien jgħid hekk :

Ir-Rotunda tal-Mosta se ssir Santwarju Nazzjonali ta' l-Assunta. Il-Kor Santa Ċeċilja tal-Mosta jifraħ bl-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta meqjuma fir-Rotunda tal-Mosta, u jixtieq li l-Maltin KOLLHA jissieħbu miegħu f'din il-ġrajja storika li ser isseħħ f'Awwissu 1975 - għeluq il-25 sena mid-Domma ta' l-Assunzjoni ddikjarata mill-Papa Piju XII. Jixraq għalhekk li s-suċċessur tiegħu l-PAPA PAWLU VI jiġi mistieden ipoġġi Hu stess il-Kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna.

Fiċ-ċentru tal-'flyer' kien hemm riproduzzjoni tal-Kwadru ta' l-Assunta, imdawwar b'disinn ġeometriku imżewwaq b'liedna ħafifa. L-ispejjeż ta' l-istampar ħa ħsiebhom il-Kor, għax ried li jagħti sehmu kollu. Kienu wkoll il-membri tal-Kor li ħadu ħsieb iqassmuhom fuq iz-zuntier tal-Knisja meta jispiċċa l-Quddies tal-Ħadd. Iż-żerriegħa kienet inżergħet. Ix-xewqa tal-Mostin li jżurhom il-Papa ssemmiet ukoll f'gazzetti lokali. Iżda l-età tal-Q.T. Pawlu VI kienet kontrina. U x-xewqa baqgħet ħolma.

Ix-xewqa li l-Papa jidħol fir-Rotunda tagħna reġgħet tkebbset meta sar magħruf li l-Q.T. Ġwanni Pawlu II kellu jżur lil Malta fl-1990. Iżda xi ħadd insensittiv għall-aħħar għal dak li jħoss il-poplu Mosti KOLLU għall-Qdusija Tiegħu, għadda lil Papa tant maħbub minna lkoll qisu żiemel maħrub minn ġo nofs ir-raħal għażiż tagħna. Imma x-xewqa tagħna li l-Papa jiġi l-Mosta għadha hemm. U jiena nemmen b'qalbi kollha li għad isseħħ fi żmien mhux 'il bogħod!